MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 1685/2001/1

**Travelcare Limited.**

**v.**

**International Air Transport Association.**

**Il-Qorti;**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Ottubru 2001, is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-atturi kienu membri ta' l-assocjazzjoni konvenuta, u dan bhala '*approved agent*' ta' l-istess, bhala tali kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuti kienu

marbuta bir-regoli li johorgu mill-ktieb anness bhala Dok A; illi l-assocjazzjoni konvenuta kienet ippretendiet li l-atturi jaghmlu garanzija ta' erbgha u tletin elf u hames mitt lira (Lm34,500) u dan bi ksur tar-regoli ta' l-istess assocjazzjoni billi s-sitwazzjoni tas-socjeta` attrici ma kinitx tali li tiggustifika din it-tip ta' rikjesta; illi 24 siegha wara din it-talba l-assocjazzjoni konvenuta hadet dak li tissejjah '*default action*' kontra l-atturi billi ppretendiet li dawn ma kienux konformi ma' l-obbligi taghhom versu l-istess assocjazzjoni; illi din id-'*default action*' ma ttiehdietx skond il-proceduri u regoli stabbiliti fl-istess assocjazzjoni u dan billi tali procedura kellha tigi preceduta minn '*notice of irregularity*' liema avviz qatt ma nghata lill-atturi; illi ghalhekk din il-procedura segwita mill-assocjazzjoni kienet ghal kollox irregolari u ingusta, u kkawzat danni ingenti lill-atturi li ma setghux jkomplu bin-negozju taghhom kif kien qabel; illi wara li l-atturi ipprotestaw kontra dan l-agir l-assocjazzjoni konvenuta ghalkemm apologizzat ghal dak li gara, irrifjutat li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi jew li terga' taghtih [recte: taghtiha] l-opportunita` li jinnegozja [tinnegozja] normalment u zammet fis-sehh, minflok, l-proceduri li kienu skaturaw mid-'*default action*' mehuda kontra tieghu; illi susegwentement l-assocjazzjoni kompliet tirrifjuta li tghaddi lill-atturi stock ta' biljetti ta' l-ajru ghall-bejgh, u dan minghajr ebda raguni fil-fatt jew fil-ligi li setghet tiggustifika r-rifjut imma semplicement ghaliex ippretendew li qabel kellu jsir *review* tal-qaghda finanzjarja ta' l-atturi; illi dan l-agir ta' l-assocjazzjoni konvenuta kien ferm differenti mill-agir li l-istess assocjazzjoni segwiet fil-konfront ta' agenti lokali ohrajn u b'mod partikolari billi fir-rigward ta' agent specifiku ma tpoggiex '*on cash basis*' allavolja kien intalab li jaghmel garanzija bhal dik ta' l-atturi; illi ghalhekk l-agir ta' l-assocjazzjoni kien irregolari u in vjolazzjoni tar-regoli u proceduri ta' l-istess assocjazzjoni; u partikolarment l-atturi kisru s-segwenti regoli, kif ukoll kisru l-obbligi kontrattwali, il-prassi u l-ligi komuni li kienet tikkontrolla l-partijiet; illi bhala rizultat ta' dan l-agir l-atturi sofrew danni ingenti konsistenti f'telf ta' negozju, spejjez mhux mehtiega u danni ohrajn li jigu ppruvati fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza; dan premess is-socjeta` attrici talbet lil dik il-Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti wettqu agir irregolari u in vjolazzjoni tar-regoli u tal-proceduri tal-istess konvenuti kif definiti fil-ktieb tal-istess assocjazzjoni, u b'hekk ikkawzaw danni lill-atturi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi frott tan-nuqqasijiet tal-konvenuti.

3. Tordna u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi dawk id-danni kif likwidati minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez u bl-interessi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-17 ta' Dicembru 2001, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta eccepixxiet:
1. Illi, in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz stante li l-ftehim ta' bejn il-partijiet jikkontempla proceduri ta' arbitragg relativi ghall-materja in kwistjoni.

2. Illi, sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, in linea preliminari, it-talbiet attrici ghandu jigu michuda billi din il-kwistjoni diga` giet deciza finalment mill-Travel Agency Commissioner (T.A.C) skond proceduri kontemplati fi ftehim bejn il-partijiet u ghal-liema proceduri l-attur issottometta ruhu; u billi wara dik id-decizjoni, l-attur ma appellax minn dik id-decizjoni ghar-revizjoni minn arbitru, kif kontemplat fl-istess proceduri pattiwiti, u kwindi ddekada minn kull dritt li jattakka d-decizjoni tal-istess Travel Agency Commissioner (T.A.C) stante li halla t-terminu jghaddi inutilment u b'hekk id-decizjoni giet reza finali bejn il-partijiet.

3. Illi, sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur iddikjara formalment li l-kwistjoni tad-"default notice" li fuqha qed jibbaza din l-azzjoni hija maghluqa u inoltre iddikjara li ma ghandu l-ebda pretensjonijiet ta' xejn kontra l-konvenut dwar l-istess materja.

4. Illi, sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut agixxa skond ir-regolament u procedura applikabbli bejn il-partijiet.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Jannar 2005, li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ta' l-assocjazzjoni konvenuta.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-9 ta’ Marzu 2005, li permezz taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat.

“Illi l-assocjazzjoni konvenuta qed teccepixxi n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qorti stante l-klawsola arbitrarja li qed jinvokaw bhala parti mill-ftehim li fuqu tressqet il-kawza. Iz-zewg nahat ipprezentaw noti ta’ osservazzjonijiet dettaljati sew dwar din l-eccezzjoni.

“Il-partijiet jidhru li jaqblu li r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hija regolata mill-Handbook li gie esebit mill-atturi mad-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa mac-citazzjoni. Kif wiehed jistenna, dan jindika x’ghandu jsir meta jkun hemm xi vertenza bejn il-partijiet. Infatti Section 12 (Fol 69 tal-process) tispjega l-mekkanizmu kollhu. Kif qalu sewa l-konvenuti, l-agent li hass ruhu aggravat minn decizjoni tal-Kummissarju imsemmi, kellu dritt jissottometti l-kaz lill-Arbitragg skond ir-regoli imsemmija fl-istess pagna.

“Fil-kaz in ezami, l-atturi hassewhom aggravati mid-decizjoni, anzi qed jallegaw li din ittiehdet in mala fede u b’diskriminazzjoni kontra taghhom. Minflok addottaw il-

procedura li hemm kontenuta fil-handbook, kitbu lill-awtorita` koncernata li jidher li semghet il-lanjanza taghhom b'mod simpatetiku izda baqghet finalment izzomm mad-decizjoni li kien ha l-Kummissarju. Meta gara dan l-atturi istitwew din l-azzjoni.

"Il-Qorti qabel xejn tiddikjara li taqbel li klawsola arbitrali per se ma tnehhix il-gurisdizzjoni tal-Qrati meta jikkonkorru certi fatti. Meta per ezempju parti mill-kaz tittrattjeni u ma tikkoperax biex isir l-arbitragg ma jkunx gust li imbaghad dik l-istess parti teccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni (Ara sentenza i Calibre vs Muscat deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2005 f'dan is-sens u s-sentenza tal-istess Qorti Gatt vs Facchetti fl-10 ta' Ottubru, 2003).

"F'dan il-kaz pero` ma garax hekk, u l-atturi qalu hekk fin-nota taghhom (Fol 234):

"“Pero` s-socjeta` attrici tissottometti illi …. Hi ma uzatx il-procedura tal-arbitragg peress li kienet svijata minhabba d-dolo tas-socjeta` konvenuta jew l-impjegati taghha. U dan peress li l-Commissioner hearing intwera bhala wiehed li kien jipprova jsib soluzzjoni gusta u kien kondott bir-reqqa u b'mod ekwitabbli ghall kullhadd. Is-socjeta` attrici ghalhekk bl-ebda mod ragonevoli ma setghet timmagina illi kienet qieghda tiddefendi l-interessi taghha kemm kontra s-socjeta` konvenuta u kemm kontra l-Commissioner li kellu jiddeciedi fuq il-vertenza fil-Commissioner Hearing.

"Kien ghalhekk illi s-socjeta` attrici semplicement baghatet ittra lill-Commissioner sabiex jikkunsidra d-decizjoni tieghu u ma applikatx ghall-arbitration hlief meta kien tard wisq biex isir dan.".

"Is-socjeta` attrici qed issostni wkoll li l-Qrati ghandhom dejjem gurisdizzjoni fejn ikun hemm allegazjoni ta' ksur tal-gustizzja naturali jew xi frodi fil-proceduri arbitrali.

"Il-Qorti taqbel ma' dan izda l-fatt inkonfutabbli f'din il-kawza huwa li l-atturi naqsu li jippresentaw l-aggravju

taghhom skond il-procedura miftehma bejn il-partijiet. Il-Qorti f'dan l-aspett taqbel mall-konvenuti, illi l-atturi ma jista' jkollhom ebda skuza ghal dan. Ma jaghmilx sens li wiehed jidhol fi ftehim li jipprovdi mekkanizmu biex wiehed jappella minn decizjoni, imbaghad jonqos li jappella u minflok jistitwixxi proceduri fil-Qorti biex jattakka dik id-decizjoni ghaliex allura l-procedura kollha u r-raison d'etre tal-arbitraggi tigi stultifikata. L-atturi ma jistghux lanqas jinvokaw l-injoranza ta' dan il-fatt ghaliex dan hu kollu nkluz fil-ftehim.

"Fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-30 ta' Gunju 1948 fil-kawza Walter Bonello vs P. L Ercole Valenzia nomine intqal:

""*Il-kwistjonijiet li jinqalghu bejn il-partijiet fl-esekuzzjoni tal-kuntratt ghandhom jigu deferiti lill-arbitri minnhom mahturin u l-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' dawk il-kwistjonijiet; salv rimedji gudizzjariji wara l-Arbitragg, jekk ikun il-kaz skond il-Ligi."*

"Il-kaz in ezami hu simili ghal sitwazzjoni fejn parti minn kawza ma tappellax mis-sentenza tal-ewwel Qorti imbaghad tistitwixxi azzjoni separata biex tattakka dik is-sentenza. F'kaz bhal dan l-uniku rimedju li jkollha dik il-parti hija r-ritrattazzjoni u din tkun tista' ssir biss jekk dik il-parti tkun taf b'dik il-kawzali li taghti lok ghar-ritrattazzjoni wara li jkun skadielha z-zmien ghall-appell. F'dan il-kaz pero` l-atturi kienu jafu bic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ma appellawx ghaliex qalu li ma kienux jafu li kellhom jirrikorru ghall-arbitragg fiz-zmien indikat – raguni li kif gia` intqal il-Qorti ma tistax taccetta."

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fid-29 ta' Marzu 2005, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza u b'hekk tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement tirrimetti l-process lura lill-ewwel Qorti

biex dan jigi deciz wara li jinstemghu l-provi skond il-ligi – bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Is-socjeta` konvenuta intavolat risposta ghall-appell tas-socjeta` attrici fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi respint bl-ispejjez.

**L-aggravji tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici ressqet tlett aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn huma bazikament fis-sens li:-

a) L-akkoljiment tal-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ipprivat lis-socjeta` attrici minn access ghall-Qorti fir-rigward ta' materja li ma kinitx riservata ghall-arbitragg.

b) Illi d-decizjoni tal-Kummissarju kienet nulla minhabba nuqqas ta' osservanza tar-rekwiziti kuntrattwali imposti fuq it-Travel Agency Hearing.

c) Il-'Hearing' kienet biss intiza biex tirrivedi l-ahhar decizjoni tal-assocjazzjoni konvenuta u mhux il-likwidazzjoni tad-danni.

**Ikkunsidrat:**

Ir-relazzjoni bejn l-IATA (International Air Transport Association) u l-agenti diversi taghha hija regolata permezz tat-Travel Agent's Handbook li jinsab distribwit mill-istess assocjazzjoni lil kull agent taghha u li fih tinsab inkorporata ir-Resolution 814, li, fost affarijiet ohra, tistabilixxi dak li ghandu jigri meta jkun hemm irregolarita` da parti ta' xi agent u dawk id-decizjonijiet li jistghu jittiehdu mill-istess assocjazzjoni fil-konfront ta' l-agenti taghha. Ir-Resolution 814e imbaghad tghid li "*the Travel Agency Commissioner shall conduct reviews with respect to decisions affecting Agents and applicants in the countries where Resolution 814 applies…* "

Fost il-kazi ta' "*review*" hemm il-kaz ta' meta "*an agent has been removed or whose Location has been removed from the Agency List by the Agency Administrator.*" [para

1.1.5 tar-Resolution 814e). F'dan il-kaz "*the person authorised to initiate the review may do so by submitting a written request to the Commissioner, with copy to the Agency Administrator*" u dana fi zmien tlettin jum mid-data tad-decizjoni appellata. [1.2a ta' l-istess rezoluzzjoni].

Ma jidhirx li giet esebita kopja ta' din ir-"*request*", biss minn ittra ta' Brian P. Barrow it-Travel Agency Commissioner tas-16 ta' Settembru 2000, indirizzata lis-socjeta` attrici (fol. 145) jirrizulta li l-kwistjoni kienet tikkoncerna "*the withdrawal of your IATA accreditation*" billi hemm jinghad li s-socjeta` attrici kienet "*indicated to him* [cioe` minn Mr Gesinus tal-IATA] *a desire to refer the matter to the Travel Agency Commissioner*." F'dan il-kuntest is-socjeta` attrici giet infurmata biex tinforma lill-istess Brian P. Barrow b'talba bil-miktub biex jkun jista' jipprocedi kif preskritt fl-istess resoluzzjoni. Infatti fix-xiehda ta' Godwin Montanaro (fol 127) direttur tas-socjeta` attrici, dan ighid hekk: " *Ahna xorta wahda kellna interess illi nzommu l-istatus taghna fi hdan l-IATA u ghalhekk appellajna mid-decizjoni li l-agenzija taghna tigi terminata.*" Mentri fil-parti preliminari tad-decizjoni tal-Commissioner [para 14 fol. 149], wara li dan spjega x'kien gara fl-kwistjoni ta' bejn il-partijiet, qal espressament hekk: "*The upshot of this was the Respondent's* [IATA] *decision to terminate the Appellant's IATA approval…….. After an exchange of correspondence, it finally gave rise to the Appellant seeking review of the matter by the undersigned.*"

Gara li d-decizjoni tal-Kummissarju, li giet komunikata lis-socjeta` attrici fil-5 ta' Dicembru 2000, ma kinitx ghas-sodisfazzjon ta' l-istess kumpannija u din talbet li l-istess Kummissarju jerga' jirrikonsidra d-decizjoni tieghu. Dan kiteb lura fil-5 ta' Jannar 2001, fejn irrileva li, apparti li ma kienx sewwa li jikkomunika direttament ma' wahda mill-partijiet wara li gew terminati l-proceduri, ma setax u ma kienx intenzjonat li jvarja d-decizjoni tieghu.

Minn dan jidher li l-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, almenu f'dak l-istadju, kienet limitata ghall-konsiderazzjoni tad-decizjoni dwar it-tkeccija tal-kumpanija attrici bhala

membru tal-IATA u xejn aktar. F'dawn ic-cirkostanzi u kemm-il darba l-agent kien aggravat b'tali decizjoni, kien marbut bir-regolamenti li jitlob li jsir rikors ghall-arbitragg a tenur tas-Section 12 ta' l-istess Regolamenti kontenuti fir-Resolution 814 billi hemm jinghad li "*any Agent or applicant which considers itself aggrieved by a decision of the Travel Agency Commissioner under Resolution 814e ….. shall have the right to have the decision reviewed by arbitration in accordance with the following proceedure ….*" Din it-talba ghandha ssir fi zmien tletin jum minn meta "*the Commissioner's decision was notified to the Appellant.*" Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li tali talba ghall-arbitragg giet intavolata, u kien ghalhekk li nghatat l-eccezzjoni mertu ta' dan l-appell.

Issa jidher li t-talba attrici hija intiza sabiex jigi dikjarat li "*l-konvenuti wettqu agir irregolari u in vjolazzjoni tar-regoli u tal-proceduri tal-istess konvenuti kif definiti fil-ktieb ta' l-istess assocjazzjoni"* u cioe` proprju qed tintalab decizjoni fuq materja li hija riservata, skond ir-regolamenti, lit-Travel Agency Commissioner u li d-decizjon tieghu hija biss sindakabbli fi proceduri ta' arbitragg. Dan ifisser li s-socjeta` attrici qeghda tipprova twarrab dak li gia` gie deciz, u li, minhabba n-nuqqas taghha li tipprocedi b'arbitragg, illum ghandu s-sahha ta' sentenza finali, billi titlob li l-Qorti tintervjeni biex terga' tezamina l-kaz u tiddeciedi kontra dak li gia` gie deciz. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma ghandux ikun permess billi ladarba s-socjeta` attrici intrabtet, bhala membru tal-IATA, li timxi skond ir-regoli ta' l-istess assocjazzjoni hija prekluza milli tadixxi l-Qorti fuq l-istess mertu. B'dana kollu ghandu jinghad li kemm-il darba l-istess socjeta` attrici kien ikollha success fil-proceduri istitwiti minnha jew bid-decizzjoni tal-Kummissarju jew fi stadju ta' l-arbitragg, kienet tkun intitolata li tipprocedi kontra l-istess assocjazzjoni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha subiti billi din il-materja mhijiex ta' kompetenza ta' l-istess Kummissarju jew ta' l-arbitru.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar l-aggravju li jikkoncerna in-nullita` tad-decizzjoni tat-Travel Agency Commissioner ghandu jinghad li ma hemm ebda talba fic-citazzjoni biex tigi kunsidrata din il-kwistjoni u dan l-aggravju jidher li tressaq "*in extremis"* biex jizvijja lil din il-Qorti, u ghalhekk ma ghandux jigi kunsidrat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Huwa minnu, kif gie sottomess mill-appellant fl-ahhar aggravju minnu mressaq, li l-"Hearing" quddiem t-Travel Agency Commissioner kien limitat ghal konsiderazzjoni tar-revoka jew revizjoni ta' l-ahhar decizjoni ta' l-assocjazzjoni konvenuta. Dan ma setax jkun xort'ohra gialadarba materja ta' danni mhix komtemplata fir-regolamenti in kwistjoni. Biss dan ma jnaqqas xejn mill-validita` ta' l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni billi hawn, kif gia` rajna aktar 'il fuq, it-talba hija intiza biex tigi riveduta dik id-decizjoni, haga li kienet kompetenza esklussiva ta' l-arbitru. Jekk, kif gia` inghad, s-socjeta` attrici kellha xi dritt li tipprocedi ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni bhala rizultat ta' din id-decizjoni, dan kien ikun fil-kompetenza tal-qrati ordinarji.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez ta' dan l-appell ghas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------